# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 606/17 MH**

**Illum, 25 ta' Gunju, 2018.**

**Joseph Sammut (K.I. 9581M), Martin Sammut (K.I. 491379M) u Matthew Sammut (K.I. 39887M) bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Greens Supermarket Limited (C43233)**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi u Direttur Generali (Dwana) ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tal-atturi tal-4 ta' Lulju 2017** permezz ta' liema gie premess -

1. *Illi permezz ra' nota ta' qbid li ggib in-numru 124/2017, li kopja taghha qed tigi hawn anness u mmarkata Dokument "A", gew maqbuda s-segwenti oggetti:*

   *66 flixkun inbid ta' 75cl kull flixkun* ***Nero D'Avola Rosso***

   *45 kartuna inbid ta' litru kull kartuna* ***Poggese Vino Rosso***

   *45 kartuna inbid ta' litru kull kartuna* ***Poggese Vino Bianco***

   *224 flixkun inbid ta' 75cl kull flixkun* ***Scanavino Gavi***

2. *Illi r-rikorrenti jhossu rwiehhom aggravati bil-hrug tal-qbid tal-oggetti u l-hrug tan-nota fuq imsemmija u qeghdin jipprezentaw dan ir-rikors ghat-tenur tal-Artikolu 28 tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta u ghat-tenur tal-Kap 37 tal-Ligrjiet ta' Malta, dan peress illi r-rikorrenti qed jikkontestaw il-qbid tal-oggetti da parti tad-Direttur Generali (Dwana) permezz ta' Nota ta' qbid numru 124/2017.*

3. *Illi skond l-istess nota ta' qbid, fil-15 ta' April 2016, sar intervent minn ufficjali tad-Dwana ta' Malta fil-15 ta' April 2016 u nqabdu l-oggetti fuq indikati u l-bazi ta' tali qbid skond l-istess nota huwa l-allegat ksur ta' Artiklu 60 (b) u (k) u Artikli 17 (1) (a) u (d) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tar-Regolament 13 tat-Taqsima F fis-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju u Sisa Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. *Illi b'kollox qed jigi allegat illi ma thallsux €63.04 f'Dazju tas-Sisa fuq ammont ta' fliexken u kartuni tal-inbid illi b'kollox ghandhom valur ta' €940.15.*

5. *Illi tali qbid sar illegalment u minghajr ebda bazi skond il-ligi u qed tigi kkontestata mill-esponenti ghas-segwenti ragunijiet:*

6. *Illi preliminarjament, l-oggetti maqbuda ma gewx importati mis-socjeta rikorrenti, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

7. *Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhuwiex minnu assolutament illi sar xi ksur tad-dispozizzjonijiet citati mid-Direttur Generali (Dwana), kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjont tal-kawza;*

8. *Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-oggetti nqabdu waqt li kienu ghadhom f'mahzen f'San Gwann, u qabel ma tpoggew ghall-bejgh u konsegwentement, ma jista' jkun hemm ebda ksur tad-dispozizzjonijiet tal-ligi citati mid-Direttur Generali (Dwana);*

9. *Illi ghandu jinghad illi filwaqt illi l-oggetti nqabdu fil-15 ta'April 2016, id-Direttur Generali (Dwana) dam izjed minn sena sakemm hareg in-nota ta' qbid li hija datata 2 ta' Gunju 2017 u l-esponenti ma nghataw ebda spjegazzjoni ghal dan id-dewmien da parti tal-intimat sabiex ha din l-azzjoni illegali u minghajr ebda bazi;*

10. *Illi ghandu jinghad ukoll illi di piu li l-istickers li jindikaw illi jkun thallas id-dazju fuq il-fliexken maqbuda fil-mahzen kienu diga mixtrija u imhallsin u kienu ser jitpoggew fuq il-fliexken maqbuda qabel ma dawn jitpoggew ghall-bejgh;*

11. *Illi ma kien hemm ebda diffikulta illi jithallas id-dazju fuq l-oggetti;*

12. *Illi huwa car ukoll illi ir-rikorrenti noe qed jigu ttrattati bl-iktar mod ingust u bil-ksur tad-drittijiet taghhom tal-gustizzja naturali specjalment fejn wiehed jista' jara illi id-Direttur Generali (Dwana) dam izjed minn sena biex jipprezenta l-mandat ta' qbid wara li gew kkonfiskati l-inbejjed in-kwistjoni u meta dawn ma kienux ghadhom tpoggew ghall-bej gh.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-oggetti imsemmija fin-nota ta' Qbid 124/11 ma kellhomx iinqabdu;*

2. *Tordna r-rilaxx tal-oggetti maqbuda in forza tan-nota ta' Qbid 124/11 fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, u fin-nuqqas milli jaghmel dan, tikkundanna lill-intimat ghal multa ghal kull gurnata illi jonqos milli.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li sa' minn issa jibqa ingunt ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrrenti noe, inkluza riferenza kostituzzjonali jekk ikun il-kaz, kif ukoll ghal azzjoni ghad-danni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors.

Rat **ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi u tad-Direttur Generali (Dwana) tat-2 ta' Awwissu 2017**[1] permezz ta' liema tressqu dawn l-eccezzjonijiet -

*"(I) Illi in linea preliminari l-azzjoni odjerna taqa fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u mhux fil-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*(II) Illi in linea preliminari ukoll, l-esponent jirrilevaw li l-Kummissarju tat-Taxxi mhux il-legittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12;*

[1] Fol 11 et seq

*(II) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

*(i) Illi l-fatti tal-kaz huma s-segwenti:*

*Illi permezz tan-Nota ta' Qbid li qed tigi kontestata permezz tal-azzjoni odjerna u li ghandha n-numru ta' Referenza 124/2017 datata 2 ta' Gunju 2017, l-esponent qabad minn mahzen li kienu jigestixxu r-rikorrenti Sammut f'San Gwann is-segwenti flieken u kartun tal-inbid;*

*66 flixkun inbid ta' 75cl kull flixkun Nero d'Avola Rosso;*

*45 kartuna inbid ta' litru kull kartuna Poggese Vino Rosso;*

*45 kartuna inbid ta' litru kull kartuna Poggese Vino Bianco;*

*224 flixkun inbid ta' 75cl kull flixkun Scanavino Gavi;*

*(ii) Illi l-esponent jissottometti li n-Nota ta' Qbid bin-numru ta' referenza 124/2017 li qed tigi kontestata permezz tal-azzjoni odjerna t'elenka flixken u kartun inbid li instab fil-pussess tar-rikorrenti bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 382. Inoltre, il-fatt uniku li x-xorb in kwistjoni instab go mahzen li fih il-kumpanija rikorrenti kellha xi prodotti taghha li del resto mhux mahzen tas-SISA ai termini tal-Kap 382, minghajr il-boll necessarju imwahhal fuqhom kif stipulat fir-Regolamenti 11 sa 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap 382, bl-ebda mod ma jiggustifika li l-imsemmija fliexken tal-inbid kienu fil-pussess tal-*

*kumpannija rikorrenti minghajr il-bolol tas-SISA imwahhlin fuqhom, kif stipulat fl-imsemmija Regolamenti tal-Kap 382;*

*(iii) Illi jirrizulta minn spezzjoni li ghamlu l-ufficcjali tad-Dwana, li fir-rigward tal-inbid imsemmi fl-istess Nota ta' Qbid li hu soggett ghar-Regolamenti tal-Kap 382, ir-rikorrenti naqsu milli jaghtu spjegazzjoni gustifikata lill-awtorita doganali Maltija ghaliex l-istess fliexken tal-inbid ma kellhomx id-debiti bolol tas-SISA imwahhlin fuqhom. Inoltre, jirrizulta ukoll li r-rikorrenti mhumiex registrati mad-Dwana Maltija sabiex joperaw mahzen tas-SISA u jahznu prodotti soggetti ghal dan id-dazju kif stipulat fil-Kap 382;*

*(iv) Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, l-esponenti joggezzjonaw ghat-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur stante li kif se jirrizulta waqt il-provi u t-trattazzjoni tal-kaz odjern, l-esponent Direttur Generali (Dwana) agixxa skont il-ligi f'cirkostanzi fejn ir-rikorrenti inqabdu in flagrante jiksru l-provvedimenti tal-Kap 382 a skapitu tal-erarju pubbliku u a skapitu ta' negozjanti li josservaw il-ligijiet fiskali;*

*(v) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz;*

*Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-intimati.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet u semghet it-trattazzjoni tad-difensur tal-intimati.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrenti qeghdin jitolbu r-rilaxx ta' diversi fliexken tal-inbid li nqabdu b'Nota ta' Qbid mahruga mid-Dipartiment tad-Dwana ghax fil-fehma taghhom dawn l-oggetti qatt ma kellhom jinqabdu.

Minn naha taghhom l-intimati rrespingew il-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Preliminarjament l-intimati ressqu zewg eccezzjonijiet li ser jigu decizi llum.

**L-ewwel eccezzjoni preliminari** tghid hekk -

*"Illi in linea preliminari l-azzjoni odjerna taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u mhux fil-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti;"*

L-intimati jargumentaw li kif jidher min-Nota ta' Qbid Nru 124/17 tat-2 ta' Gunju 2017, il-valur tal-fliexken tal-inbid in kwistjoni minghajr id-dazji u t-taxxi hu ta' €733.70, il-valur tat-taxxa tas-SISA hu ta' €63.04 u l-valur fuq il-valur mizjud huwa ta' €143.41. Ghalhekk fil-fehma taghhom dan il-kaz jaqa' taht il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li ghandha l-gurisdizzjoni

skont il-ligi li tisma' u tiddeciedi l-pretensjonijiet kollha sal-ammont ta' €15,000.

Ir-rikorrenti minn naha taghhom jirribattu li t-talba li qeghdin iressqu quddiem din il-Qorti m'ghandha x'taqsam xejn mal-valur tan-Nota ta' Qbid jew tat-taxxa pretiza izda dak li qed jigi attakkat huwa l-validita' tan-Nota ta' Qbid per se peress li fil-fehma taghhom din inharget bla bazi skont il-ligi. Huma jsostnu li t-talbiet taghhom huma purament ta' natura dikjaratorja u jmorru lil hinn mill-valur pretiz mill-intimati bhala taxxa jew SISA, jew mil-valur tal-oggetti maqbuda.

Minn natura tal-eccezzjoni tal-intimati huwa car li huma qeghdin jorbtu l-inkompetenza ta' din il-Qorti mal-valur tal-oggett tal-kawza.

Il-Qorti tirreferi ghall-**artikolu 746 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jghidu hekk -

*"746. Meta l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tiddependi mill-valur tal-oġġett fil-kawża, għandhom jitħarsu r-regoli miġjubin fl-artikoli li ġejjin.*

*747. (1) Il-valur inċert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata. Valur li ma jistax jiġi determinat.*

*(2) Jitqiesu dejjem bħala li għandhom valur li ma jistax jiġi determinat -*

***[….]***

*(ċ) il-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba tal-attur, u lanqas ma jista' jiġi determinat bil-mod imsemmi fl-artikoli li ġejjin.*

*748. Il-valur tal-oġġett fil-kawża hu determinat mit-talba-*

*[….]*

*(b) meta t-talba hija għall-ħaġa li l-valur tagħha hu determinat fit-titolu li jagħti kawża għall-azzjoni, jew f'xi kitba oħra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kulħadd, jew bil-prezz kurrenti."*

M'hemm ebda dubju ghall-Qorti li n-Nota ta' Qbid in kwistjoni hija mahruga fir-rigward ta' fliexken tal-inbid li fihom valur determinabbli, liema valur huwa ben identifikabbli u determinabbli f'tali Nota u cioe' –

€733.70 valur minghajr dazju

€63.04 ammont ta' Dazju tas-Sisa

€143.41 taxxa fuq il-Valur Mizjud

Ghalhekk l-argument tar-rikorrenti li l-valur huwa wiehed incert u ndeterminat huwa totalment infondat fil-fatt u fid-dritt.

**L-artikolu 47 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jestabilixxi l-gurisdizzjoni tal-Qrati Inferjuri jghid hekk -

*"47. (1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat wieħed jippresjedi, u dik il-qorti, bħala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeċidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000), kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja, f'parti tal-Gżira ta' Malta.*

*2) Dik il-qorti tiddeċiedi wkoll il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi espressament tħalli għaliha.*

*(3) Iżda l-kawżi li fihom jidħlu kwistjonijiet dwar il-proprjetà ta' beni immobbli, jew li għandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, piżijiet jew drittijiet oħra mgħaqqdin mal-beni immobbli, inkluża kull talba għal żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli kemm urbani kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqgħodu jew li għandhom l-abitazzjoni ordinarja tagħhom fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti, ma jidħlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) indipendentement mill-valur tat-talba."*

Ghaldaqstant il-valur tal-oggetti mertu tal-kawza odjerna jaqghu pjenament fil-kompetenza tal-Qorti Magistrati (Malta) u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-kawza odjerna kellha tigi proprju istitwita quddiem dik il-Qorti. Del resto, kawzi ta' din ix-xorta fejn jigu attakkati fil-Qrati Noti ta' Qbid mahruga mid-Dipartiment tad-Dwana u li l-valuri tal-oggetti maqbuda jammontaw ghal inqas minn €15,000, kif inhu l-kaz odjern, jigu regolarment istitwiti quddiem il-Qorti Magistrati (ara fost ohrajn **Filippo Mazza vs Direttur Generali (Dwana)**[2]; **Classic Group Ltd vs Ministru tal-Finanzi et**[3]; **Nikola Micallef vs**

[2] Avviz Nru 163/13 deciz 20 ta' Novembru 2013
[3] Avviz Nru 192/13 deciz 8 ta' Jannar 2014

**Kontrollur tad-Dwana**[4] u **Patrick Cellars Ltd et vs Kummissarju tat-Taxxi**[5]).

Di piu' l-Qorti ma taqbel xejn mar-rikorrenti li din hija sempliciment kawza dikjaratorja ghax oltre d-dikjarazzjoni li l-oggetti in kwistjoni ma kellhomx fil-fehma taghhom jinqabdu mill-ufficjali tad-Dwana, huma qed jitolbu wkoll ir-rilaxx tal-oggetti mizmuma bin-Nota ta' Qbid, oggetti li kif inghad ghandhom valur determinabbli.

Madankollu ghalkemm din il-Qorti qed tasal ghall-konkluzjoni li l-Qorti gusta li quddiemha kellha tigi ntavolata din il-kawza hija l-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-azzjoni tar-rikorrenti hija xorta wahda salvabbli a tenur tal-artikolu 741 (b) tal-Kap 12 li jippermetti lil din il-Qorti tibghat l-atti lil dik il-Qorti, Tribunal jew Bord li hi tikkunsidra ghandu l-kompetenza biex jisma' dan il-kaz. Dan l-artikolu jipprovdi hekk -

*"741. L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata –*

*[.....]*

*(b) meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha:*

*Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża:"*

---

[4] Avviz Nru 259/09 deciz 9 ta' Lulju 2012
[5] Avviz Nru 201/12 deciz

Ghalhekk filwaqt li din l-eccezzjoni tal-intimati sejra tigi akkolta, l-Qorti sejra permezz ta' *digriet in camera* tibghat l-atti ta' dawn il-proceduri sabiex jinstemghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Fic-cirkustanzi l-Qorti mhijiex ser tippronunzja ruhha dwar it-tieni eccezzjoni preliminari tal-istess intimati.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati u ghar-ragunijiet suesposti tiddikjara li l-azzjoni odjerna ma taqax fil-kompetenza taghha izda taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u konsegwentament tordna li din il-kawza tigi hekk assenjata ghas-smiegh tal-istess.**

**Bl-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu riservati ghad-decizjoni finali fuq l-istess rikors.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**